**Kelmtejn qabel inħallik**

Mulejja sarli l-ħin biex nitlaq
Imma nitlaq ma nistax,
Għaliex oħla minn imħabbtek
Emminni li ma narax.

Kemm fisqejtni bi tjubietek
Għalija kont l-aqwa sur,
Li nxandrek mad-dinja kollha
Dan għalija hu unur.

Għax il-hlewwa ta' tjubitek
Tinżilli għasel Mulej,
Int għalija l-vera ommi
Għandi inti dejjem ġej.

Imwaħħal fil-bank quddiemek
O Ġesù nħossni kuntent,
O dik il-fiduċja tiegħek
Lili tehles f'kull mument.

X'jistghu jagħmluli l-għedewwa
Meta għandi lilek miegħi?
Jistgħu jqattgħuni bi snienhom
Meta tgħidli: "Int tiegħi?"

U jekk naħsel naqbad ninsa
Tfakkarni hi, Fawstina,
B'idejha qiegħda turini
X'għamilt int għalina.

Ġesù, dik ħarstek qawwija
Lili tfarraġ f'kull tiġrib,
Bizzejjed ngħidlek: NAFDA FIK
Malajr jeħfifli s-salib.

Inti l-ktieb tal-ogħla mħabba
Minn dejjem jibqa' miftuħ,
Inti duwa tal-imġarrab
Fik Ġesù tistrieħ ir-ruħ.

Dawk ir-raġġi hekk setgħana
Li nħosshom dieħla f'qalbi,
Jien naf sewwa Ġesù tiegħi
Li inti tisma' qalbi.

Inġorrok għal dejjem fija
'I bogħod minnek ma rridx inkun,

Sirt naf x'kaptan int ta' klassi
Ta' ħajti nagħtik it-tmun.

Din hi talbi Ġesù twajjeb
Tkun xi tkun it-triq w l-isqaq,
O Ġesù din ħajti tiegħek
Din talbi qabel nitlaq.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.